MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-13 ta' April, 2011

Appell Civili Numru. 20/2010

**Tania Galea**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat id-decizjoni tal-Arbitru datata 7 ta' Ottubru 2010.

*"L-Arbitru,*

*Ra l-applikazjoni tal-appellanti tal-Ghajnuna Socjali tat-22 ta' Gunju 2004.*

*Ra d-decizjonijiet tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali tal-4 ta' Awwissu 2009 u tas-6 ta' Awwissu 2009 fejn l-appellanti giet informata li l-applikazzjoni taghha giet mistharrga stante li rrizulta li hija kienet izzewget u ghalhekk ma'*

*kinetx baqghet tigi kkunsidrata bhala kap tal-familja u bhala rizultat ta' dan l-appellanti kienet thallset is-somma zejda mid-Dipartiment ta' €13,906.93 u dan bejn il-perijodu tal-11 ta' Marzu 2009 u l-4 ta' Settembru 2009.*

*Ra l-ittra tal-appell tas-17 ta' Awwissu 2009.*

*Ra r-risposta tad-Direttur tal-20 ta' Awwissu 2010 fejn esebixxa d-dokumenti kollha relattivi u in oltre talab korrezzjoni fis-sens li l-perijodu li fih l-appellanti thallset l-imsemmija somma zejda ta' €13,906.93 jirreferi ghall-perjodu ta' bejn il-1 ta' Marzu 2006 u l-4 ta' Settembru 2009 u mhux kif erronjament indikat minnu fl-ittra tas-6 ta' Awwissu 2009.*

*Semghet lill-appellanti u lix-xhud prodott minnha Dawn Marie Nappa fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2010 u kif ukoll lir-rapprezentant tad-Divizjoni.*

*Ikkunsidra:*

*Illi in sostenn tad-decizjoni tieghu li l-appellanti ma' kinetx baqghet aktar ikkunsidrata bhala l-Kap tal-Familja u ghalhekk kellha tirrifondi l-imsemmi ammont ta' €13,906.93, id-Direttur esebixxa informazzjoni mill-Common Database System (Dok "E") fejn jirrizulta illi l-appellanti fit-8 ta' Marzu 2006 izzewget ragel ta' Nazzjonalita Sirjana, certu llewi Ahmad.*

*Illi min-naha l-ohra l-appellanti tammetti illi hija fl-imsemmija data kienet izzewget lil llewi Ahmad gewwa s-Sirja u li ma nfurmatx lid-Dipartiment bit-tibdil fl-istat taghha. Hija tghid li meta giet lura Malta zewgha telaqha u ma' ratux aktar u ghalhekk kienet baqghet il-kap tal-familja.*

*Peress illi ghalhekk jirrizulta b'mod car li l-appellanti bejn it-8 ta' Marzu 2006 u l-4 ta' Settembru 2009 kienet mizzewga u ma infurmatx lid-Dipartiment dwar dan u baqghet tircievi beneficcji, id-decizjoni tad-Direttru ittiehdet skont il-ligi u ghalhekk timmerita konferma.*

*Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata qed tigi kkonfermata.*

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Tania Galea Id 0328387 M datat 17 ta’ Novembru 2010 fejn esponiet:-

1. Illi fis-sebgha (7) ta’ Ottubru elfejn u ghaxra (2010) l-Arbitru ppronunzja s-segwenti decisjoni fejn cahad l-appell interpost mir-rikorrenti ghal zewg avvizi minnha ricevuti, ossija dak tas-6 ta’ Awwissu 2009 u dak taI-4 ta’ Awwissu 2009, fejn giet informata li ma ghadhiex titqies bhala kap ta’ familja, konsegwentement ma hijiex intitolata ghall-beneficcji u kellha tirrifondi lura €13,906.93. L-Arbitru kkonferma d-decizjonijiet tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali. L-Arbitru mmotiva d-decizjoni tieghu fuq il-fatt, li rrizulta b’mod car li l-appellanti bejn it-8 ta’ Marzu 2006, u l-4 ta’ Settembru 2009, kienet mizzewga u ma infurmatx lid-Dipartiment dwar dan u baqghet tircieivi l-beneficcji.

2. Illi l-imsemmija decisjoni giet komunikata lir-rikorrenti fl-14 ta’ Ottubru 2010.

3. Illi l-appellanta hasset ruhha aggravata mis-sentenza, pronunzjata, u ghalhekk qed tinterponi umili appell *a tenur* ta’ **artikolu 109 tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

4. Illi l-aggravji huma cari u manifesti, u jikkonsistu fil-fatt illi s-sentenza appellata, hija bbazata fuq applikazzjoni skorretta tal-ligi u ukoll apprezzament zbaljat tal-provi prodotti kif ser jirrizulta mis-sottomissjonijiet segwenti,

<u>Kwadru tal-fatti</u>

5. Illi r-rikorrenti hija omm ta’ minuri Jake Galea li twieled fit-28 ta’ Mejju 2004, iben missier mhux maghruf u ilha tiehu hsieb dan il-minuri u tipprovdi ghal kull ma ghandu bzonn wahedha sa mit-twelid.

6. Illi bhal ma rrizulta mhux kontestat mix-xhieda li tat quddiem l-arbitru, hija meta kellha tmintax (18) -il sena, u fit-8 ta’ Marzu 2006 u f’mument ta’ ghagla u bluha, fattur, li sallum omm ir-rikorrenti ghadha lanqas biss taf bih, marret

is-Sirya iltaqghet ma, u zzewget lil certu Ahmad llewi, li kienet taf biss ghal ftit gimghat. Sussegwentment, irritornat Malta, irregistrat iz-zwieg u dan l-imsemmi llewi wara ftit tal-gimghat abbanduna d-dar matrimonjali u minn dak in-nhar sallum lanqas biss taf fejn dan spicca. Din il-versjoni kienet ukoll konfermata mix-xhud minnha prodott Dawn Marie Nappa.

7. Illi fid-deposizzjoni moghtija rrizulta wkoll li presenzjalment hemm pendenti quddiem il-Qrati kompetenti kawza ghal annullament kontra l-kuraturi deputati.

8. Illi rrizulta wkoll mix-xhieda illi ftit gimghat wara li l-imsemmi llewi telaq mid-dar matrimonjali, l-esponenti kienet informat bil-miktub lill-Kummussarju tal-Pulizija u l-Ambaxxata Syriana f'Malta.

9. Illi r-rikorrenti kienet tircievi ghajnuna socjali *a tenur* ta' **artikolu 76 tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan peress illi kienet titqies bhal kap ta' familja li ghandha l-kura u l-kustodja ta' minuri.

<u>Kuncetti legali</u>

10. Illi ghalhekk r-rikorrenti kienet taht l-**Att tas-Sigurta` Socjali** titqies bhala kap ta' familja sabiex ikkwalifikat ghall-beneficcji minnha ricevuti.

11. Illi f'dan il-kuntest ghandu jinghad li gie ritenut illi *"Ir-ratio legis tad-definizzjoni fil-kaz tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali hi toto coelo diversa minn dik ta' ligijiet ohra. Ghalhekk jinghad appunti illi "lex eademest servanda ubi militat eadem ratio", A propozitu, fit-tifsira tal-kelma "family" fl-**Oxford Dictionary of Law,** Fourth Edition, 1997 jinghad li din tikkomprendi "a group of people connected by a close relationship. For legal purposes a family is usually limited to relationships by blood, marriage, or adoption, although sometimes (e.g. for social security purposes) statute expressly includes other people, such as common-law wives. The courts have interpreted the 'family' to include unmarried couples living*

*as husband and wife in* ***<u>permanent and stable relationships".</u>*** *(*Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) **Rita Cauchi Vs Direttur tas-Sigurta' Socjali** 10 ta' Ottubru 2005).

*12.* Illi gie ritenut anki f'kazi, mhux bhal kaz odjern fejn ir-rikorrenti qatt ma ghexet mal-persuna li zzewget jista' jkun li l-benficjarja tal-ghajnuna, xorta ghal finijiet ta' **Att Dwar is-Sigurata` Socjali** titqies bhala l-kap tal-familja. Dan meta gie ritenut. *"Fil-fehma konsiderata taghha l-Qorti tahseb li mhux kull sitwazzjoni fejn tnejn minn nies jew aktar, ghax jghixu taht l-istess saqaf, ghandha tikkreja l-prezunzjoni illi dawn jifformaw familja. Dan ghar-raguni illi mhux eskluz, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, illi jista' jkollok qaghda fl-istess dar fejn ikunu separatament qed jabitaw aktar minn familja wahda, b'kap ghaliha, li jkunu indipendenti minn xulxin. Naturalment kollox jiddependi mill-fattispeci singolari u partikolari tal-kaz li jkun qed jigi mistharreg. L-importanti hu li meta tipprezenta ruhha tali sitwazzjoni wiehed m'ghandux jitlaq minn attitudni errata u koncett zbaljat illi ghax sempliciment il-persuni jkunu qed jabitaw fl-istess dar, ergo tezisti dejjem il-kwalifika ta' "familja*"; (Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) **Riccarrda Cini vs Direttur tas-Sigurta` Socjali** - 7 ta' Frar 2007).

*13.* Illi ghalhekk *in vista* ta' dak su-espost ma jirrizultax illi f' xi mument tul il-perjodu kollu li r-rikorrenti rceviet il-beneficcji li hija ma kenitx 'kap ta' familja' skont id-dispost tal-ligi. Il-fatt singolari li hemm zwieg registrat ma jgibx mieghu negazzjoni awtomatika ta' dak li jikkwalifika sabiex persuna titqies bhala 'kap ta' familja'. Ghandu jinghad minghajr ebda disrispett illi fil-kaz odjern id-Direttur u l-Arbitru messhom approfondixxew aktar milli ddecidew esklussivament fuq fattur, ossija registrazzjoni ta' zwieg, informazzjoni provduta minn Dipartiment iehor, minghajr ma l-esponenti giet b'xi mod interpellata sabiex tispejga jew saru xi spezzjonijiet sabiex dan jigi verifikat.

14. Illi ghandu jinghad li hawn ma ghandniex sitwazzjoni, bhal ma solitament jigi f'kazi simili fejn marru l-ispetturi u sabu terz jabita jew jghix mar-rikorrenti, jew ir-rikorrenti ntbaghtet lilha xi forma ta' interpellazzjoni u naqset li

taghti spjegazzjoni gustifikata. Huwa sempliciment il-fatt li gie registrat zwieg li anke in pessima ipotesi li kieku kien irrizulta illi hemm terz jabita mar-rikorrenti, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrali, seta xorta wkoll irrizulta illi r-rikorrenti ghall-finijiet tal-Att ghad ghandha titqies bhala l-‘Kap tal-Familja’ u ghalhekk intitolata ghall-beneficcji.

15. Ghaldaqstant l-esponenti *in vista* tas-suespost umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka d-decisjoni tal-Artbiru datata 7 ta’ Ottubru 2010, u konsegwentment id-decizjonijiet tad-Direttur datati 6 ta’ Awwissu 2009 u dik tal-4 ta’ Awwissu 2009.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh biex jinstema’ ghas-seduta tal-15 ta’ Marzu 2011.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Sigurta` Socjali) ghar-rikors tal-appell pprezentat minn Tania Galea fit- 12 ta’ Novembru 2010 datata 15 ta’ Frar 2011 a fol. 7 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi bil-prezenti risposta, l-esponent *qua* appellat ser iwiegeb ghar-rikors tal-appell interpost mill-appellanta Tania Galea li permezz tieghu talbet ir-revoka tad-decizjoni tal-Arbitru datata 7 ta' Ottubru 2010 li kkonfermat id-decizjonijiet tad-Direttur, u konsegwentament titlob ukoll it-thassir tal-imsemmija decizjonijiet tad-Direttur datati 6 ta' Awwissu 2009 u 4 ta' Awwissu 2009 u cjoe li (1) m'ghadhiex aktar intitolata ghall-ghajnuna socjali u (2) li thallset zejjed l-ammont ta' €13,906.93 f'ghajnuna socjali li jkopru l-perjodu minn 11 ta’ Marzu 2009 sal-4 ta’ Settembru 2009, u dan *stante* li l-appellanta zzewget u ghalhekk m’ghadhiex il-kap tal-familja.

2. Illi dan premess, l-appellat fuq il-mertu in kwistjoni, jirrileva li kif jissokta jippreskrivi **l-artikolu 97 (b) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta,** persuna ghandha jedd ghal ghajnuna socjali **taht il-kundizzjoni li din il-persuna *'tipproduci dawk ic-certifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda ghall-fini l-ligi stabbilit il-jedd taghha ghal dik l-ghajnuna socjali.'***

*3.* Illi kif inghad fis-sentenza ppronunzjata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet **"Julie Vassallo vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** datata 5 ta' Marzu 2010, *"[guridikament aprezzata u interpretata ma jistax ikun hemm l-icken dubju illi d-disposizzjoni* [u cjoe **l-artikolu 97 (b) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta]** *ghandha l-iskop li tinkulka fil-beneficjarju l-adempiment tad-doveri mistennija minnu, anke ghaliex tirrapprezenta l-mertu ta' dak il-komportament li hu kellu jsegwi ghall-ghoti (jew tal-kontinwazzjoni taghha) tal-assistenza spettata minnu bl-applikazzjoni".*

4. Illi ghaldaqstant kien id-dmir imprexxindibbli tal-appellanta, in sostenn tal-jedd pretiz minnha ghall-beneficcju, li tikkopera mad-Dipartiment billi (1) tgharraf lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali (a) biz-zwieg taghha li gie kkontrattat gewwa s-Sirja u (b) jekk hu minnu, li r-ragel taghha abbanduna d-dar matrimonjali kif ukoll li qed jonqos milli jmantniha, u (2) tipproduci dokumenti li jissustanzjaw tali informazjoni. Dan sabiex id-Direttur, bhala l-ewwel arbitru appuntat mil-ligi, japprezza ahjar it-talba u jkun f'qaghda ahjar li jiddeciedi jekk ghandux jakkorda l-*allowance* mitlub.

5. Illi l-appellanta naqqset milli tadempixxi l-obbligazzjoni hekk imposta fuqha permezz tal-imsemmi **artikolu 97 (b) tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali** *stante* li, kif hekk ammettiet hija stess, naqqset li tinforma lid-Dipartiment bil-bidla fl-istat taghha. *Ergo* l-komportament tal-appellanta kien wiehed inkorrett u in *malafede.*

6. Illi kif gustament ippronunzjat fid-decizjoni fuq citata, *"[i] n-nuqqas tal-osservanza ta' komportament bhal dan igib b'konsegwenza illi l-parti fi htija tista' ssib ruhha f'qaghda fejn d-dritt taghha ma jibqax aktar tutelat. Mhux dan biss, ghax ukoll il-kondotta negattiva taghha tista' tkun soggett ta' sanzjoni. F'dan il-kaz, kif hekk gara, li l-ghajnuna prevedenzjali ma tkomplix tigi prestata lilha. Sa hawn allura l-appellanti ma tistax tlum lid-Direttur appellat li zamm lura milli jkompli jerogola l-assistenza, ghaliex id-decizjoni tieghu kienet teknikament u legalment fondata".*

7. Illi *multo magis* u minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-appellanta fl-ebda stadju tal-proceduri quddiem l-arbitru ma pprovat b'mod effettiv, konkluziv u, fuq kollox, konkludenti li zewgha tassew abbandunaha u li ma kienx qed imantniha. Tabilhaqq l-appellanta ma forniet ebda dokumenti bhal, ad ezempju, dokumenti li bihom informat bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ambaxxata Syriana f'Malta li zewgha kien telaq mid-dar matrimonjali. Dan jitfa dubju fuq il-veracita` ta' dak sottomess mill-istess appellanta fir-rikors tal-appell taghha u kif ukoll gabet fix-xejn il-possibbilta` li l-Arbitru setgha jiddetermina diversament mid-decizjoni tad-Direttur.

8. Illi xhieda moghtija mill-habiba tal-appellanta Dawn Marie Napipa prodotta mill-istess appellanta Tania Galea, ma tista' tkun ta' ebda suffragju ghat-tezi tal-imsemmija appellanta li zewgha abbandunaha *stante* li tali verzjoni xejn ma taspira ghal verosimiljanza u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a. It-trapass taz-zmien u l-fatt li x-xhud kellha biss tnax-il sena meta l-appellanta zzewget jitfghu dubju qawwi fuq jekk l-imsemmija xhud kinitx verament konsapevoli ta' dak li kien qed jigri f'hajjet l-appellanta.

b. Difatti, x-xhud Dawn Marie Nappa ma kienet kapaci tirrispondi xejn b'mod cert, konkret u konvincenti hlief li, meta mistoqsa ghalfejn giet, wiegbet *'biex nghid li jiena kont naf li kienet ghamlet xahar tohrog mal-Gharbi, li telghet biex tizzewgu; li kienet ghadha zghira'.*

c. Dan juri b'mod car li din it-tip ta' xhieda provduta mis-sinjorina Nappa tikkonsisti merament minn dak li tgharrfitilha l-appellanti. Huwa veru li *ai termini* **tal-artikolu 599 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** il-Qorti tista', skont ic-cirkostanzi, tippermetti *detto del detto* meta dan l-istess kliem ikollu, fih innifsu u fil-kumpless unitarju tal-provi, importanza sostanzjali fuq il-meritu tal-kawza jew ikun jaghmel parti mill-mertu. Fil-kaz in istanti pero`, din ix-xhieda ma gietx ikkorraborata bi provi ohra li huma oggettivi. Il-fatt li tali prova ma setghetx tittiehed flimkien ma' provi ohra, ifisser illi din l-istess *hearsay evidence* ma

tistax isservi bhala xi prova konkluziva illi tabilhaqq l-appellanta ma hijiex qieghda tigi mantnuta minn zewgha.

*Ergo* tali xhieda m'ghandha l-ebda valur probatorju u ghandha indubjament tigi skartata.

9. Attizi dawn il-konsiderazzjonijiet u l-principji legali, jitnissel illi r-rikors tal-appell interpost mill-appellanta jippekka minn diversi elementi mehtiega biex dan jigi akkolt b'success.

Ghaldastant, *in vista* ta' dawn ir-ragunijiet, l-esponenti filwaqt illi jirreferi ghall-atti tal-kawza, jirrizerva illi jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhrulu xierqa, li jipproduci l-provi kollha ammissibbli skont il-Ligi f'dan l-istadju, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) joghgobha tirrespingi u tichad l-appell imressaq mill-appellanta u b'hekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Arbitru fis-7 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet Tania Galea vs Direttur tas-Sigurta` Socjali (Dec. Arb. Nru 327/2010), bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti fil-15 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Patrick Valentino ghall-appellanti prezenti u Dr. Nadia Fiott ghall-appellat. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-13 ta' April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa appell ghar-revoka tad-decizjonijiet tad-Direttur datati 6 ta' Awwissu 2009 u 4 ta' Awwissu 2009 u konsegwentement tal-Arbitru datata 7 ta' Ottubru 2010 fejn gie ritenut li r-rikorrrenti appellanti (1) m'ghadhiex aktar intitolata ghall-ghajnuna socjali u (2) li thallset zejjed l-ammont ta' €13,906.93 f'ghajnuna socjali li jkopru l-perjodu minn 8 ta' Marzu 2006 sal-4 ta' Settembru 2009, u

dan *stante* li l-appellanta zzewget u ghalhekk m'ghadhiex il-kap tal-familja.

Illi jinghad li mill-atti processwali jirrizulta li r-rikorrenti li twieldet fit-23 ta' Lulju 1987, hija ommm ta' tifel Jake Galea li twieled fit-28 ta' Mejju 2004 minn missier mhux maghruf, u li wara talba datata 24 ta' Gunju 2004 hija kienet bdiet tircievi l-ghajnuna socjali, u hekk baqghet taghmel meta izzewget lil Ilewi Ahmad fit-8 ta' Marzu 2006 fis-Sirya (Dok. "E"); jirrizulta li l-appellanti ma nformatx b'dan lid-Direttur tas-Servizzi Socjali u b'decizjonijiet datati 6 ta' Awwissu 2009 u 4 ta' Awwissu 2009 gie deciz li r-rikorrenti ma kienitx intitolata ghall-ghajnuna socjali u (2) li ghandha tirrifondi dak li hija thallset zejjed fl-ammont ta' €13,906.93 f'ghajnuna socjali li jkopru l-perjodu mill-11 ta' Marzu 2009 (data li jidher li hija zbaljata) sal-4 ta' Settembru 2009, u dan *stante* li l-appellanta zzewget u ghalhekk m'ghadhiex il-kap tal-familja.

Illi l-appell odjern sar illum fuq il-fatt, li minkejja li r-rikorrenti zzewget, dan "iz-zwieg" kien biss ta' ftit gimghat ghaliex ir-ragel tar-rikorrenti abbandunaha u ghalhekk hija baqghet kap tal-familja u ghadha sallum tipprovdi ghaliha nfisha u ghal binha, u ghalhekk fid-decizjoni tieghu l-Arbitru kellu jibbaza d-decizjoni tieghu mhux biss fuq ic-certifikat taz-zwieg izda wkoll fuq il-fatti tal-kaz u senjatament li fil-perjodu relattiv xorta wahda l-istess rikorrenti baqghet kap tal-familja, ma ghexietx ma' zewgha peress li dan kien abbanduna lilha, u ghalhekk baqghet hija kap tal-familja u ghalhekk ghandha dritt ghall-ghajnuna socjali.

Illi minn naha l-ohra l-intimat isostni li r-rikorrenti kellha dmir skond l-**artikolu 97 (1) (b) tal-Kap. 318** li tinforma lid-Dipartiment fil-bdil tal-istat taghha, f'dan il-kaz li hija zzewget f'Marzu 2006, u la darba dan ma ghamlitux, mela allura tilfet id-dritt taghha ta' ghajnuna socjali skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 318,** ghaliex b'dan hija ma nformatx lid-Dipartiment, kif lanqas informat lid-Dipartiment li kienet abbandunata minn zewgha, u ma pprovdiet ebda dokument/jew dokumenti in sostenn tal-istess. Jinghad ukoll li l-appellanti bl-ebda mod ma

ppruvat b'mod konkluziv u *"fuq kollox konkludenti"* li zewgha tassew abbandunaha u ma kienx imantnieha, u tghid li x-xhieda ta' Dawn Marie Nappa ma hijiex kredibbli u ghalhekk id-decizjoni tal-arbitru ghandha tigi kkonfermata u dan l-appell michud.

Illi jinghad li d-decizjonijiet datati 4 u 6 ta' Awwissu 2009 fejn gie deciz li jitwaqqfu l-hlasijiet tal-ghajnuna socjali lir-rikorrenti, u li r-rikorrenti kellha thallas lura l-ammont hemm indikat ghall-perjodu identifikat bhala dak bejn il-11 ta' Marzu 2009 (li huwa zbaljat ghaliex kellu jkun dak tat-8 ta' Marzu 2006) sal-4 ta' Settembru 2009, huwa mibni fuq il-konsiderazzjoni li inghad li r-rikorrenti kienet mizzewga *ut sic.* L-appell minn dawn id-decizjonijiet sar fis-17 ta' Awwissu 2009 fuq il-bazi li tali decizjonijiet kienu zbaljati peress li xorta wahda r-rikorrenti baqghet kap tal-familja ghaliex minkejja li mizzewga, r-ragel qatt ma rrisjeda maghha, tant li kien ilu mahrub minn dawn il-gzejjer ghal diversi snin.

Illi fid-decizjoni tal-Arbitru, rriportata aktar il-fuq, gie kkonsidrat li r-rikorrenti veru kienet izzewget fit-8 ta' Marzu 2006 u li hija ma kienitx informat lid-Dipartiment b'dan il-fatt, u li r-rikorrenti tghid li meta giet lura zewgha telaqha u ma ratux aktar, u ghalhekk ikkonkludiet li *"Peress illi ghalhekk jirrizulta b'mod car li l-appellanti bejn it-8 ta' Marzu 2006 u l-4 ta' Settembru 2009 kienet mizzewga u ma nfurmatx lid-Dipartiment dwar dan u baqghet tircievi beneficcji, id-decizjoni tad-Direttru ittiehdet skont il-ligi u ghalhekk timmerita konferma".*

Illi din il-Qorti thoss li jirrizulta car li b'din id-decizjoni l-Arbitru bl-ebda mod ma dahal fil-mertu tal-appell interpost quddiemu li kien jikkonsisti biss mill-allegazzjoni, li minkejja li r-rikorrenti kienet mizzewga, zewgha qatt ma ghex maghha, u qatt ma mantnieha, tant li abbandunaha, u hija baqghet ghalhekk kap tal-familja tipprovdi ghaliha, u ghal binha bhala *"single mother".*

Illi jinghad li l-unika prova li ngabet kienet ic-certifikat taz-zwieg tal-istess rikorrenti, li qatt ma gie kontestat, u x-xhieda ta' Dawn Marie Nappa li xehdet li ghalkemm ir-

rikorrenti zzewget, zewgha abbandunaha, u ma hemm l-ebda prova li turi li b'xi mod ir-rikorrenti kienet giet mantnuta minn zewgha, u lanqas gie kontradett dak allegat mir-rikorrenti li zewgha kien abbandunaha, u dan huwa relevantissimu, aktar u aktar meta jigi kkunsidrat li l-appell li sar kien proprju bbazat fuq l-aggravju li *"r-ragel qatt ma rresjeda maghha".*

Illi minn dan kollu jidher li effettivament l-istess decizjoni tal-Arbitru lanqas biss tikkunsidra l-mertu tal-appell li sar quddiemu, u dan huwa vitali ghar-risoluzzjoni tal-kwistjoni odjerna peress li dan kien l-aggravju uniku tal-istess appell, u l-punt ta' kontestazzjoni kien li minkejja li r-rikorrenti kienet indikata bhala mizzewga, hija baqghet tghix wahedha ma binha, u qatt ma giet mantnuta minn zewgha, li qatt ma ghex maghha, u wisq anqas mantnieha u allura hija baqghet dejjem kap tal-familja. Il-provi, prodotti quddiem l-arbitru, huma dawk tal-imsemmija xhud, li fil-verita' bl-ebda mod ma gew kontestati mill-intimat, u wisq inqas ingabu xi provi kontra taghha li juru li dak li kienet qed tallega u tghid ir-rikorrenti u x-xhud minnha prodotta ma kienx minnu, u dan meta l-Qorti tifhem li l-intimat kellu l-mezzi kollha disponibbli ghalih, sabiex iressaq ix-xhieda sabiex jikkontradixxu dak allegat mir-rikorrenti u x-xhieda minnu prodotta.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, u minkejja l-fatt li r-rikorrenti jidher li naqset li tinforma lid-dipartiment li hija kienet izzewget, haga li din il-Qorti certament ma hijiex qed tapprova b'xi mod, anke fid-dawl ta' dak li hemm provdut fl-**artikolu 97 (1) (b) tal-Kap. 318,** xorta wahda jibqa' l-fatt li l-punt in kontestazzjoni, kien dak jekk effettivament ir-rikorrenti baqghetx il-kap tal-familja fit-terminu tal-ligi, u jekk hija b'xi mod gietx mantnuta fit-terminu ndikat fid-decizjoni tal-arbitru (li huwa erronjament indikat fid-decizjonijiet tad-Dipartiment datati 4 u 6 ta' Awissu 2009 bhala dawk mill-11.03.2009 u l-4.09.2009) bejn it-8 ta' Marzu 2006 u l-4 ta' Settembru 2009 minn dan l-imsemmi zewgha, u minn dak sottomess minn din il-Qorti jirrizulta li dan l-aggravju lanqas biss gie kkunsidrat mill-istess Arbitru, u dan meta mill-provi prodotti quddiemu jirrizulta ppruvat, li (1) r-rikorrenti zzewget u qatt ma nformat lid-

dipartment (u dan kien veru nuqqas taghha), izda gie wkoll ppruvat li (2) li hija dejjem baqghet tmantni lilha nfisha u lil binha; (3) li zewgha qatt ma mantnieha; (4) li r-ragel taghha qatt ma ghex maghha u certament qatt ma mantnieha. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li mill-fattispecie kollha tal-kaz jirrizulta li r-rikorrenti quddiem l-Arbitru ppruvat l-allegazzjonijiet taghha, li fil-verita' lanqas biss gew ikkontestati jew ikkontrastati mill-istess appellat, izda li ma gewx ikkunsidrati mill-Arbitru, u b'hekk din il-Qorti thoss li fid-dawl ta' dak li gie deciz fis-sentenzi **"Rita Cauchi vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 10 ta' Ottubru 2005) u **"Riccarda Cini vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Frar 2007), fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jirrizulta li r-rikorrenti baqghet kap tal-familja fit-termini tal-ligi fil-perjodu ndikat kemm fid-decizjonijiet tal-Dipartiment datati 4 u 6 ta' Awwissu 2009 u wkoll fid-dati ndikati fid-decizjoni tal-Arbitru datata 7 ta' Ottubru 2010, u dan ghaliex jirrizulta li l-istess rikorrenti qatt ma ghexet bhala familja mal-istess imsemmi zewgha, tant li dan abbandunaha, u f'dan il-kaz fil-perjodi relattivi lanqas biss kien hemm l-element ta' ko-abitazzjoni, msemmi fl-istess sentenzi bhala l-bazi ta' kuncett ta' familja, sew fil-kuntest ta' zwieg jew lil hinn minnu u wisq kien hemm dak li gie ndikat bhala *"a permanent and stable relationship".*

Illi sabiex jigi ccarat dak li qed jinghad f'din is-sentenza, jinghad li din il-Qorti qed tirritjeni li l-Arbitru u kull gudikant ghandu fl-ewwel lok jiehu in konsiderazzjoni l-aggravji mressqa quddiemu u jikkonsidra l-istess fid-dawl tal-argumenti migjuba mill-kontro-parti u jiddeciedi l-istess fid-diskrezzjoni tieghu f'dak li huma fatti, u fid-dawl tal-ligi, b'dan li jinghata aditu ghal dak sottomess mill-partijiet quddiemu, in vista u in omagg tal-principju *cerimus paribus* u ta' smigh xieraq, li jwasslu li d-decizjoni tkun ben motivata. Dan fil-kaz odjern ma jidhirx li sar fid-decizjoni hawn suggetta ghal dan l-appell, u dan iktar u iktar meta l-aggravju kien wiehed car, u l-provi kienu mmirati fuq dan il-punt. Oltre minn dan din il-Qorti qed tiddeciedi, li l-Arbitru kellhu jiehu in konsiderazzjoni kull fatt relattiv u determinanti ghall-kaz in kwistjoni, u dan jinkludi kemm dak favur jew kontra xi wiehed jew iktar mill-

partijiet quddiemu, u dan sabiex fl-ahhar mill-ahhar jasal ghall-konkluzjoni tieghu, wara li jikkonsidra l-provi kollha quddiemu, haga li f'dan il-kaz ma saritx. Dwar ir-relevanza tal-provi prodotti, ftit hemm wiehed xi jghid iktar minn dak li nghad, izda din il-Qorti ma tistax ma tosservax, li anke l-istess appellat, minkejja li ccita (u dan korrettament) d-diposizzjoni tal-**artikolu 97 (1) (b) tal-Kap. 318,** xorta jikkoncedi li x-xhieda ta' Dawn Marie Nappa kienet rilevanti (ghalkemm ghalih mhux kredibbli), b'differenza ghad-decizjoni tal-Arbitru, li lanqas biss taghmel riferenza minima ghaliha, u dan huwa iktar serju meta din kienet l-unika xhieda li l-istess Arbitru sema`.

Illi ghalhekk l-appell odjern qed jigi milqugh fis-sens li hawn deciz b'dan li din il-Qorti qed tirrevoka d-decizjoni tal-Arbitru datata 7 ta' Ottubru 2010, u konsegwentement id-decizjonijiet tad-Direttur datati 6 ta' Awwissu 2009 u dik tal-4 ta' Awwissu 2009.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimat id-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 15 ta' Frar 2011 u dan in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell tar-rikorrenti appellanti Tania Galea kontenut fir-rikors taghha 12 ta' Novembru 2010** biss in kwantu l-istess huwa konformi ma' dak hawn deciz, b'dan illi tirrevoka d-decizjoni tal-Arbitru datata 7 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet **"Tania Galea vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (Decizjoni 327/10), u konsegwentement id-decizjonijiet tad-Direttur datati 6 ta' Awwissu 2009 u dik tal-4 ta' Awwissu 2009.

Bl-ispejjez kontra l-appellat id-Direttur tas-Sigurta' Socjali.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------